**ARB/C011/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 14th February, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.). Compilation Number 63/2022, in the case:

The Police
(Inspector Alfredo Mangion)

Versus

**TERENCE CINI**, 36 years, son of the late Carmelo and Anna née Agius, born in Pietà, Malta on the 25th August, 1985, and residing at Casa Blondie, Triq il-Poeżija, Qormi and holder of Maltese Identity Card bearing number 422585M.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **TERENCE CINI** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta, Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

**The Court AUTHORIZED** the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 5, Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 18th February, 2022

Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C011/2022 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Frar, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 63/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Alfredo Mangion)

Kontra

**TERENCE CINI**, ta' 36 sena, iben il-mejjet Carmelo u Anna xebba Agius, imwieled Pietà, Malta fil-25 ta' Awwissu, 1985, u residenti ġewwa Casa Blondie, Triq il-Poeżija, Qormi u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 422585M.

**ORDNAT** iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **TERENCE CINI** u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Qorti AWTORIŻŻAT** lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf Euro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 18 ta' Frar, 2022

Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi